

## Il-programm tas-servizzi diġitali interoperabbli ISA<sup>2</sup> - il-Kunsill jasal għal qbil dwar il-pożizzjoni tiegħu

Fit-12 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta **approċċ ġenerali dwar programm biex jgħin lill-istati membri jipprovdu servizzi diġitali interoperabbli (ISA<sup>2</sup>)**. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej jistgħu jinteraġixxu elettronikament ma' xulxin u maċ-ċittadini u n-negożi mingħajr xkiel. Il-programm ISA<sup>2</sup> ser jappoġġa kemm l-interazzjoni transkonfinali kif ukoll dik transsettorjali. Huwa mistenni li jdum mill-2016 sal-2020.

### Aċċess aħjar għas-servizzi pubbliċi fl-UE kollha

L-appoġġ għal **interoperabbiltà u koordinazzjoni** aħjar fil-ħidma kollha tal-amministrazzjoni elettronika huwa essenzjali biex jippermetti mobbiltà akbar liċ-ċittadini u n-negożi fl-Unjoni kollha. Din teħtieġ interazzjoni frekwenti elettronikament mal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-istati membri.

Interoperabbiltà ikbar ser ittejjeb is-servizzi offruti, taqta' l-ispejjeż u tnaqqas il-piż amministrattiv. Fl-istess ħin ser tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

### Nibnu fuq il-programm attwali ISA

ISA<sup>2</sup> ser **jissostitwixxi u jespandi fuq il-programm attwali ISA**, li jiskadi fl-aħħar tal-2015. L-azzjonijiet appoġġati taħt il-programm ISA jinkludu għodod ta' ħolqien u verifika tal-firma elettronika, sistemi transkonfinali ta' saħħa elettronika u software minn sors miftuħ biex jappoġġaw l-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

### Il-programm il-ġdid ISA<sup>2</sup>

Il-**pakkett finanzjarju** ta' ISA<sup>2</sup> għall-2016-2020 huwa ta' madwar **€131 miljun**.

Il-programm ser jappoġġa azzjonijiet biex jivvalutaw, itejbu u jużaw mill-ġdid soluzzjonijiet eżistenti ta' interoperabbiltà u biex jiżviluppaw oħrajn ġodda. Azzjonijiet oħra li jistgħu jirċievu appoġġ jinkludu dawk li jivvalutaw l-implikazzjonijiet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) tal-proposti jew il-leġislazzjoni adottata mill-UE, jew li jgħinu fl-identifikazzjoni tad-diskrepanzi fil-leġislazzjoni li jxekklu l-interoperabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet Ewropej.

Meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, it-test ta' kompromess tal-presidenza jintroduċi dispożizzjonijiet biex jiċċaraw il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-programm ISA<sup>2</sup> u jintroduċi kriterji biex jiġu pprijoritizzati l-azzjonijiet. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jiġi evitat xogħol doppju u biex jiġu żgurati l-konsistenzi u l-koordinazzjoni ma' programmi oħra tal-UE.

Sabiex tiġi adottata, id-deċiżjoni ser ikollha tiġi approvata kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament Ewropew. Il-Parlament għadu ma vvutax il-pożizzjoni tiegħu.

- [Approċċ ġenerali għall-programm ta' interoperabbiltà ISA<sup>2</sup>](#)